# IN-NAHLA

TA'

## AGOSTINO LEVANZIN

GAZZETTA TA' CULL GIMGHA BIEX TGHALLEM U TIDDEFENDI IL POPLU

Omne tulit punctum qui miscuit utile dulci.

Giebha żeŭġ dac li għaraf ħallat it ħelu ma'l meħtieġ.

Il Poeta latin Orazju.

**30.** **27 TA' MARZU 1909.** **L-EUUEL SENA**


## FTEHIM.

In-"Naħla" toħroġ cull nhar ta' Sibt, f'il għaxija.

Il ħlas tagħha hu:— għal ta'l Belt, ta'l Furjana u ta' Ta's-Sliema ħames xelini f'is-sena; għal ta' barra m'il Belt, sitt xelini f'is-sena; u għal ta' barra minn Malta, seba xelini f'is-sena. Dan il ħlas isir b'il kuddiem, u jista jsir b'is-sitt xhur jeŭ b'it-tliet xhur ucoll.

Hadd ma jista jissieħeb għal ankas minn sena; u jecc ma jgħarrafnix, għallankas ħmistax kabel, li ma fi ħsiebux igedded, ingħoddu bħala 'msieħeb għa's-sena ta' ŭara.

L-ebda 'rcevuta ma tgħodd jecc ma tcunx iffirmata b-ismi. Min iħallas ta' sena b'il kuddiem ingiblu f'il ġurnal tnax l-avvis żgħar b-xejn; min iħallas ta' sitt xhur, b'il kuddiem, ingiblu erbgħa biss ma tul is-sena; u min iħallas ta' tliet xhur b'il kuddiem, ŭieħed biss.

Min icun irid icompli jgib l-avviż żgħejr jeŭ acbar iħallas scond ma niftiehmu.

Cull imsieħeb, li jcun ħallas, jista jistaksini cull xorta ta' mistoksija basta li tcun serja, onesta u meħtieġa, u jiena nŭiegħbu.

In-nies ta'd-dar ta'l imsieħeb icollhom id-dritt jagħmlu il mistoksijiet ucoll.

Cull min igib għaxar imsieħbin ġodda, natieħ tiegħu, għal sena, b-xejn.

F'in-"Naħla" ŭiegħduni li għandhom jictbu daŭna is-Sinjuri, li huma il fjur ta'l chittieba b'il malti:—

G. Borg. M. A. M. D. Id-Direttur ta'l Ġonna Pubblici;— Ġusè Bosco ta' Bona;— Censu Busuttil, l-Ispettur ta'l Ischejjel ta'l Gvern;— il Patri Majjistru Lorenz Caruana. O. P.;— G. Darmanin-Demajo, P.L.; Ġanni Gulia. C.F. M.D.;— A. Lucchese. P.L.;— Il Curunell u Professur Lorenz Manché, M. D.;— in-Nutar C. Micallef De Caro;— E. Mifsud Axiak, P.L.;— V. Mifsud-Bonnici;— G. Muscat-Azzopardi. P.L.;— A. Muscat-Fenech;— Il Cav: u Prof: Napuljun Tagliaferro, li chien Direttur ta'l Educazzjoni;— G. Vassallo;— il Canoncu Vella ta' Għaŭdex;— George J. Vella ta'l Cajr;— il Professur Temistocle Zammit. M.D. id-Direttur ta'l Mużeŭ;— Ġusè Zammit. P.L. u oħrajn.

Hadd ma jista jieħu premju ta' logħob jecc ma jcunx imsieħeb u jcun ħallas l-abbonament.

Il manoscritti ma 'nreġġhuhomx lura.

L-ittri għandhom jinbagħtu collha T'as-Sliema, 12, Strada S. Vincenzo, fejn isir ucoll cull ftehim fuk l-avvisi ecc.

A. Levanzin B.A., C.F., P,L. *Direttur-Proprietarju.*

# IL PULIZIJA.

Niżżiħajr l-Alla iż-żmienijiet tbiddlu u ma għadniex taħt il ħacma ta'l isbirri bħal ma conna ftit snin ilu. Illum il Corp ta'l Pulizija hu magħmul, tista tgħid, minn ħafna gintlomi u minn ħafna persuni puliti li jafu b'iż-żejjed chif għandhom igibu rŭieħhom ma'n-nies u li jafu chif jakdu dmirhom bla ħruxija u b'il ħakk.

Dana, b'eccezzjoni żgħira ħafna, nistgħu ingħiduh m'il capijiet collha. Iżda jiddispjacini ingħid li iż-żgħar m'hux dejjem jifmuha hecc għaliex jaħsbu li billi jcollhom fukhom l-uniformi jistgħu jagħmlu u jgibu ruħħom chif jidhrilhom u li għandhom jimxu b'il herra u xi dakkiet b'il ħruxija ucoll ma cullħadd.

Le daŭna għandhom jifhmu li il Hakk ma hux f'is-setgħa tagħhom iżda húma biss il għodda, ir-roti li bihom jaħdem il Hakk, u għalhecc huma ma għandhom jagħmlu xejn minn jeddhom ħlief biss li jimxu scond il-Ligi u scond l-ordnijiet ta'l capijiet tagħhom li għandhom icunu dejjem mibnija fuk il Ligi u fuk il Hakk u m'hux fuk il capriċċ, fuk il pichi, fuk vendetti personali jeŭ fuk interessi oħra li ma għandhom x'jaksmu xejn ma'l Hakk u ma'l Ligi.

Biex natu esempju meta il ħati jigi iccundannat m'il Korti l-ebda pulizjott ma jista jżidlu l-ankas moħkrija oħra

# Il Mistoksija oht il Gherf.

**Lil A. S.** (Il Belt).

Iva, f'Beziers, fi Franza saret Soċjetà famusa bejn daũc li jiġbru il francoboll: imsejħa "Universala Asocio Filatelia Esperanta" li għandha sa ġurnal imsejjah "Tra la Filatelio." Il membri ta' dina is-soċjetà, li hi imxerrda ma'd-dinja collha, li m'hux biss jistgħu jibdlu ma' xulxin il francobolli ta' pajjis ma' iehor iżda fuk daũc li jħallsu b'il flus għandhom l-iscont ta'l erbgħin f'il mija. Min irid ir-regolamenti ta' dina is-Soċjetà jicteb lil President J. Fize, f'Patisson, f'Beziers u jcun mokdi.

**Lil V. A.** (Bormla).

Il-ligi ma tistax ma tħallix lil l-argentieri li jatu banju ta'd-deheb lil l-oġġetti ta'r-ram; biss jecc xi ħadd imur jirgħan dac l-oġġett b'deheb collu jcun kiegħed jagħmel frodi u jħallasha kares. Jidhirli li dan hu castig b'iż-żejjed.

**Lil G. P.** (Floriana).

Iva, dac ix-xorb li jissejjaħ *tonicu*, jagħmel ħsara cbira fuk in-nervi, għaliex m'hux biss fih l-ispirtu, li fih in-nifsu hu b'iż-żejjed biex jagħmel deni f'is-saħħa; iżda fih ucoll ħafna ħũaũar li jsaħħnu u jkanklu actar in-nervi. Minn dina ir-razza huma il felsina, il vermut, il fernet-Branca, u l-oħrajn bħalhom. Fost daũna l-actar li jagħmel ħsara hu l-*absinthe*; u imbagħad jagħmlu ħsara acbar jecc tixrobhom bl-istoncu vojt jeũ f'il għodu malli jisbaħ. Temmnux li l-ispirtu jkanka! l-aptit, għaliex ũara ftit li jkajjem l-istoncu jrakkdu u dana ma jcunx jista jħaddem l-ichel chif imissu. La temmnux lankas li l-ispirtu jsostni, iżda, b'il maklub, igħejji in-nervi, u b'dana il għeja ħsara jista jgib biss. Mela ftacru li dac il grog li tieħdu kabel l-ichel biex għal tapars tkanklu l-aptit jagħmlilcom deni u m'hux gid. Ftacru ucoll li min jixrob il mardijiet jaħemu actar fuku u l-actar il mard ta's-sider; u li ma hemmx bżonn li tcun tischer biex tcun kiegħed b'il mod il mod tgħarrak il ũied u il clieũi. F'min icun mogħti għax-xorb il feriti jdumu actar ma jfieku u il mardijiet jitũalu u jitbixclu iżjed. Jecc ũieħed icollu bżonn jigi cloroformizzat biex jagħmlulu xi operazzjoni u jcun mogħti għa'x-xorb il cloroform ma tantx ixaħxu malajr. Ix-xorb fi Franza irdoppja il għad ta'd-delitti, ta'l genn u ta'l ktil b'idejhom infushom; u għalhecc cull fejn timxi ma tarax ħlief strixxi b'd'il chitba fukhom "FTACRU LI IX-XORB JAGHMLILCOM HSARA F'SAHHITCOM."

It-tfal ta' daũc li jħobbu il katra jiġu dejjem magħluba, b'intelligenza zgħejra u spiss icunu ibatu bl-egħxieũi. Meta xi dakkiet tara xi tifel belhieni, bla moħħ, actarx missieru jeũ ommu jcunu giebuh f'id-dinja meta ma chienux f'sessihom b'ix-xorb.

Il cmandant ta'l għaxar corp ta'l armata francisa għamel ħaġa sabiħa ħafna: ma riedx li jsir actar bejh ta' xorb f'il *canteens* tiegħu.

Fuk cull mitt ktil fi Franza, tlieta u sittin isiru minn nies f'is-sacra; u jintilfu cull sena elf, tliet mijia u erbgħin miljun franc m'ix-xogħol li jintilef imħabba f'is-socor u ũieħed u sebgħin n il un franc jintefku f'is-sena biex ideũũu l'is-scaren fl-isptarijiet! Hemm bżonn mela li dana il mishut vizzju ta'x-xorb jinkata: jcun gid għal ruħcom għaliex min icollu moħħu mixgħul b'il ũischi jeũ b'il brandi la jcun jaf x'kiegħed jagħmel u lankas x'kiegħed igħid; icun gid għal saħħitcom u għal saħħet uliedcom għaliex la timirdu u tkassru ħajjitcom intom u lankas iggibu uliec bla saħħa f'id-dinja; tcattru il hena tagħcom għaliex jonkos il ġlied u jonksu id-delitti u jecc daũc il flus li tonfku f'il groggijiet tonfkuhom ma'l familja, toħorġu l-uliedcom b'carrozzin il campanja għall-arja, issostnuhom aħjar, tixtrulhom xi ctieb sabiħ biex jitgħallmu, tcunu kiegħdin tcattru il hena ta'l familja ucoll. Chemm ommijiet chemm nisa u ulied haũn kiegħdin jibchu għaliex uliedhom, jeũ żũiegħom jeũ missierijiethom kiegħdin il ħabs imħabba il mishut xorb! Mela culu actar u ixorbu ankas.

**Lil M. P.** (Il Belt).

Il benzoat ta's-soda f'il ħũejjeġ ta'l ichel ma jagħmel l-ebda ħsara f'is-saħħa basta li ma jcunx iżjed m'il ũieħed fl-elf. Dana jużaũh biex il ħũejjeġ ta'l ichel ma jikrasux ma lajr.

**Lil G. G.** (Gudja).

Tixtiek taf jecc l-IDO, jeũ l-Esperanto riformat, hux miex Barra. Jiena nista ingħidlec li hu miexi ferm u li ħafna m'l aħjar esperantisti kiegħdin jitilku l-Esperanto il kadim biex jużaũ l-Ido. Fost daũna hemm l-aũtur ta'l Ido stess, il Marchis L. De Beaufront, lingũista famus u li chiteb tant fuk il lingũa internazzjonali li hu magħdud bħala ũieħed m'il actar li jifmhu f'id-dinja f'dina il ħaġa; il Cmandant Ch: Lemaire, President ta'l "Lega Esperantista" ta'l Belġju; M. Michaud, li chien il President ta'l Eũũel Congress ta'l Esperanto l sar f'Boulogne-sur-Mer fi Franza fl 1905; ir-Rev: Scheeberger li chien il President ta't-Tieni Congress li sar f'Ginerva fl-1906 u li hu ucoll il President ta's-Soċjetà Esperantista ta'l Isvizzera; il membri ta'l Cumitat ta'l Grupp Esperantista ta' Berlin, fosthom id-Dr: Liesche, li hu id-direttur ta'l ġurnal "Germana Esperantisto;" u id-Dr- Borgius li stampa ctieb sabiħ ħafna b'ir raġunijiet għala telak l-Esperanto il kadim; il Prof: Pfaundler, membru ta'l Accademja ta'x-Xienzi ta' Vjenna u President ta'l Grupp Esperantista ta' Graz; il Baruni D'Orczy, President ta'l "Lega Adriatica Esperantista"; Max Talmey u A. Kangas, Presidenti ta'l Grupp ta' New York; il Prof: Grillon, Vice-President ta's-"Soċjetà Esperantista Americana;" M. P. Ahlberg, direttur ta'l "Esperantisten" ta'l Isvezja; il Monsinjur Luigi Giambene, Prof: ta'l Lingũa Lhudija f'il Propaganda Fide ta' Ruma u Direttur ta'r-"Roma Esperantisto" u mijiet oħra ta' nies minn din ix-xorta u li biex ma niġbidx f'it-tul sejjer inħalli barra. Leon Bollack, l-aũtur ta'l lingũa internazzjonali oħra imsejjħa "Lingũa Blue" telak is-sistema tiegħu biex kiegħed jaħdem għal l-Ido; Schmidt, Pinth u Mackensen, tlieta m'il l-actar għappi ta'l lingũa internazzjonali "Idiom Neũtral" daru ma' l-Ido ucoll; Balint, Professur fl-Ungherija u li katt ma ried jitgħallem l-Esperanto il kadim kiegħed issa jaħdem għal l-Ido, u il fehma ta' dana tista ũisk għaliex hu ũieħed m'il akũa lingũisti ta'd-dinja; il għaref Professur Seidel ta' Berlin telak ucoll l-Esperanto għal l-Ido. Dina il-lingũa ġdida giet milkugħa ġa minn 310 accademji u soċjetà u minn 1,250 professur. Ġa hemm sittin grupp biex ixerrdu dina il lingũa; u sitt ġurnali fosthom is-sabiħ "Progreso" dirett m'il famus Dr: L. Couturat ta's-Sorbona ta' Parigi. Cotba ġa hemm bl-ingliż, b'il francis u b'it-tedesc u kiegħdin jistampaũ b'it-taljan ucoll. Min irid jixtri minn daũna il cotba jeũ jissieħeb f'xi ġurnal jicteb lil Guilbert Pitman, 85 Fleet Street, London, E. C. u jcun mokdi.

**Lil S. P.** (Il Belt).

Il caũcaũ isir minn siġra, għolja xi sittax il pied, m'ir-razza ta'l palm, u li il ũerak, il fjuri u il frott minn fukha ma' tul is-sena collha ma jinżgħu katt. Dina f'il botanica jsejħulha "Theobroma Cacao" li b'il grieg tfisser "ichel ta'l

allat." Il fjuri huma ħomor, iżda bla rieħa u il frott taŭ-ŭali donnu ħjar, u cull frotta jcun fiha sa mitt żerrigħa donnhom leŭż.

Dina is-sigra tnisslet m'il America t-Isfel u ticber salvaġġa f'il Brażil u f'il Gżejjer Indjani ta'l Punent. Irabbuha ucoll fl-Africa, fl-Asja u f'is-serer fl-Eŭropa.

Meta iż-żerrigħa tibda iċċeccek ġo'l fosdka, il frotta tcun saret, u tati darbtejn f'Ġunju u f'Dicembru; u minn cull sigra jittieħdu minn ratal sa ratlejn frott.

Biex jieħdu il caŭcaŭ jagħmlu hecc: isaħħnu irħama cbira minn taħt, ikiegħdu iż-żerrigħa fukha, u jgħaffġuha b'rombli cbar; allura minnha joħroġ bħal sugu li hu il caŭcaŭ.

Meta dana il caŭcaŭ iħalltuh ma'l għasel jeŭ zoccor, bi ftit essenza ta'l cannella jeŭ ta'l vanilja u jintgħagen tajjeb issir iċ-ċicculata. Bosta drabi iżda iħalltu magħha ħafna ħŭejjeġ biex itakklu il pis u li xi dakkiet jagħmlu ħafna ħsara għa's-saħħa ucoll. Għaldakstant katt ma għandcom tixtru għat-tfal ċicculata irħisa għaliex ma tistax tcun tajba.

Il caŭcaŭ ucoll biex iraħħsuh iżidulu ix-xaħam biex jakbad ħafna zoccor u għalhecc xi dakkiet taraŭ f'ŭiċċ il chiccra ħafna cŭiecheb li taħsbuhom butir ta'l caŭcaŭ u ma jcunux.

Il cacaŭ u iċ-ċicculata huma sustanzjusi ŭisk u għal min iħaddem ħafna moħħu ma hemmx ichel aħjar minnhom. Basta jcunu ta' qŭalità tajba bħal ma huma daŭc ta' Bensdorp, Suchard, Menier, Cadbury u ta' xi djar oħra bħal daŭn' Għa't tfal ma hemmx imbagħad aħjar minn biċċa "ċicculata b'il ħalib" (milk-chocolate) bħal ma huma daŭc ta' Peter, ta' Bensdorp u ta'oħrajn. Għa's-saħħa aħjar chiccra caŭcaŭ jeŭ ċicculata minn mitt ŭahda cafè jeŭ tè, u ma tagħmilx ħsara f'is-saħħa bħal daŭn.

M'il istess sigra jieħdu żejt li jagħmluh sapun jeŭ xama. Il butir jużaŭh ħafna meta ŭieħed jieħu xi rieħ f'sidru.

L-Indjani ta'l America chienu jafu b'il caŭcaŭ minn mindu mar Cristoforu Colombu. Fi Spanja imbagħad daħħluha l-Ispanjoli m'il Messicu f'is-seclu sittax; fl-Inghilterra chienu ġa jafu biha fi żmien is-Sultan Carlu II u id-Dar ta' Cadbury tgħodd ma'l mija u ħamsin sena. Fl-antic, f'il Messicu, chienu jużaŭ iż-żerrigħa ta'l caŭcaŭ floc flus bħal ma illum is-sued ta'l Africa jużaŭ il gajdri.

Fl-Inghilterra jiccunsmaŭ cull sena fuk it-tliet miljuni libbri. F'Malta hemm bżonn li jixxerred iżjed l-użu f'loc ix-xorb ta'l ispirti.

Mela żomm f'moħħoc din: meta tħossoc għajjien u trid taħdem f'loc grog jeŭ chiccra cafè għerrem biċċa ċicculata ta'l ħalib u ara chemm tmur aħjar bla ma tagħmel l-ebda deni f'saħħtec. L'it-tfal biex joħorġu moħħom tajjeb tigħom iċ-ċicculata basta fina iżda katt xorb jeŭ cafè.

**Lil A. A.** (Ħamrun).

Għedt li meta tagħsar il għeneb biex tagħmel l-imbit jiġic ħażin u tixtiek taf x'għandec tagħmel biex isseŭŭieh. Għamel hecc għaliex jiena ma nifhemx b'iż-żejjed. Sib lil certu Adrian Sammut, li jokgħod Pjazza Sant'Agostino, il Ħamrun stess u fihem lilu. Dana jifhem tasseŭ f'dana ix-xogħol u jista jakdic aħjar minni bi spiża żgħira.

**Lil C. S.** (Ħal Għargħur).

Għal dac il mard-ta'l-għajnejn li semmejt it-tobba illum jużaŭ l-adrenalina je ŭ il protargol iżda l-aħjar tbagħbas xejn int; chellem tabib tajjeb ta'l għajnejn u tinkeda aħjar.

# GĦA'N-NISA.

**Lil M. A. C.** (Ħamrun).

Iva, kalulec seŭŭa li mara kalbiena telgħet fuk muntanja għolja ħafna u li fukha chien għadu kabel ma tala ħadd.

Dina il muntanja tinsab f'il Perù, fl-America t'Isfel, u li hi għolja xi 24 elf pied. Il mara kalbiena hi is-sinjurina Annie S. Peck, ingliża, u dana il fatt sar is-sena li ħarget; u cullħadd baka mistgħageb chif ma ħallietx ħajjitha. B'dina il bravura li għamlet, dina Miss Peck hi l-actar ŭaħda, fost irġiel u nisa, li telgħet s'issa f'il għoli fuk muntanja. Id-Dr: Bullock-Workman biss ilaħħak ŭarajha seŭŭa billi tala fuk l-Imalaija u li hu l-actar raġel li tala f'il għoli. Il famus Dr: W. T. Stead, id-direttur ta r-"Review of Reviews" kal: "illi dana it-tlugħ ta' Miss Peck jibka jissemma bħala ŭieħed m'il actar ta'l għageb li saru s'issa f'id-dinja."

**Lil S. A.** (Il Belt).

Iva. Barra minn Malta hemm ħafna nisa li jieħdu il professjoni bħal l-irġiel. Nisa tobba fl-Inghilterra, fi Franza, fl-Istati Uniti u saħansitra fl-Italja hemm ħafna. F'il Ġappun hemm sa Università għa'n-nisa biex jistgħu jieħdu il professionijiet li jridu. Fi Franza hemm avucata li kiegħda tissemma ŭisk għa'd-difiżi sbiħ li kiegħda tagħmel. Dina jisimha Miropolsky, u hi pollacca u hi ucoll ta' ġmiel cbir. F'Parigi ħelset ħafna nisa milli iddefendiet. Għad għandha biss tlieta u għoxrin sena.

Fl-Italja ucoll saret avucata Lydia Poet, iżda l-avucat irġiel beżgħu m'il concorrenza ta'l avucati nisa u għalchemm ħadet il-laŭrja ma ħalleŭhiex taħdem.

Scond il-liġi tagħna mara tista ucoll tieħu il professjoni u tista taħdem. Billi għandna ħafna xebbiet intelligenti u li jħobbu jistudjaŭ ħafna jmissħom xi ftit jitħajjru jieħdu xi professjoni. Per esempju mara-tabib tcun barca għal pajjisna. Jules Simon, il famus chittieb francis, chiteb ħafna fuk dan u din l-aħħar ħambak ħafna biex in-nisa jieħdu il professjoni tal Spiżżjari; u għandu raġun ghaliex il mara hi ŭisk actar tajba biex tokgħod magħluka u tagħmel xogħol ta' rekka u ta' indafa milli hu ir-raġel. U b'hecc chiecu ħafna xebbiet ta' familji seŭŭa chienu jcunu jistgħu jakilgħu biċċa ħobż billi jidħlu fi triek ta' gid u ta' ġieħ għal pajjis.

Il cbir poeta taljan Ariosto ħalla mictub li il mara irnexxiet f'dac collu li meddet għonkha għalieh u l-istorja tixhdilna li ma għidibx.

**Lil C. L.** (Sliema).

Nirringrazzjac b'kalbi collha m'il gid li bgħatt tixtiekli f'il burraxca li għaddiet minn fuki; u miegħec nirringrazzja ucoll lil daŭc collha li ħadu ħsiebi bħalec. Lil dac li nakas miegħi m'hux biss minn dmiru iżda ucoll m'il carità u m'il gentilezza, għad li il-Liġi Sanitarja tista ticcundannah u is-Superjuri tiegħu jistgħu jiccastigaŭh, jiena ħfirtlu m'il kiegħ ta' kalbi

u tlabt lil żeŭgi li ma jkankal contra tiegħu xejn ucoll. Forsi Alla jmisslu kalbu biex jakdi dmiru aħjar ma'n-nies ta'd-distrett tiegħu u li ma jarfax fuk spallejh il pis li għa't-trascuraġni jħalli xi omm ta'l familja tmur id-dinja l-oħra ħin bla ŭakt; u li jifhem li għad li ħuma ħŭejjeġ sbiħ ħafna l-istudju u il cultura ta'l-lingŭi u ta'l arti iżda l-isbaħ ħaġa f'tabib hi il kalb ħanina ma' min icun imnicchet b'il mard u l-esattezza f'il kadi ta'd-dover tiegħu bħala tabib u bħala impiegat.

Lucija Levanzin Inglott.

# DUHHAN.

Imsejchen Robertu! Chemm chien sfortunat li dendel cusu ma' mara m'hux biss għajjura iżda ilħieħa għal l-aħħar tant li biex tħallilu sold f'il but għas-sigarri jeŭ biex jieħu katra ma' ħbiebu chienet tnizzilulu tcscu b'it-tgħemgħim. U x'ilsien ta tellerita! X'raddiena ta'l ħalġ! X-ponta ta' ilsien tnigghez li tkabbżec xiber, xiber m'il art!

Allaħares xi darba ma chienx m'ix-xogħol jibka sejjer id-dar dritt! Ħoll xagħrec u gib iż-żejt! Allaħares xi darba ma chienx jieħu il paga sħieħa! Dic it-tixlifa chien ipattiha torturi daks ta' Ġobb; chienet tasseŭ turieh il kamar f'il bir.

Hemm chienet dejjem tridu meħjut ma' djulha, u dejjem tredden, dejjem titħanlu kalbu bħal ħaġra ta' midħna.

Fl-aħħar lil Robertu telgħitlu il mustarda sa imnieħru, xaba minn dic il ħajja ta' jasar u ŭaħħal f'rasu li jeħles minnha. X'għamel? Sab ħabib ta'l kalb u fada għonmtu miegħu. "La taktax kalbec" kallu "ingħidlec jien x'għandec tagħmel. Għid lil mara li biex tiżdied f'il paga hemm bżonn li tissieħeb f'is-Soċjetà magħna u jecc tgħid iva infehmec x'għandec tagħmel biex inkattgħu xi lejla flimchien u nixorbu żeŭġ katriet tajba."

Robertu hecc għamel kal lil Rosina, martu, li rieduh jidħol sieħeb f'is-Soċjetà ta'l ħaddiema, li fiha chien hemm il capijiet tiegħu, li lil imsieħbin chienu jżiduhom f'il paga, li ma chienx iħallas ħlief ħaġa żgħira f'is-sena; u Rosina ħeta semgħet b'iż-żieda f'il paga ma kaletx le.

Ŭara xi tmien t-ijiem li daħal ircieva dan l-avvis: "Għada f'it-tmienja ta' f'il għaxija għandna lakgħa generali, u cun af li jecc tonkos scond ir-regolamenti teħel nofs lira multa."

Robertu għamel ta' b'ir-ruħu li iddispra għaliex sejjer iħalli lil Rosina dic il-lejla ŭieħidha u ma riedx imur. Rosina biex ma jeħelx in-nofs lira gennitu biex imur u hu fl-aħħar ma chisrilhiex kalbha u mar; mar sab lil ħabibu u kagħdu jixorbu sa nofs il-lejl; meta gie imlaħlaħ Rosina ma chelmitux biex darb-oħra ma jfittillux li ma jmurx u jeħel in-nofs lira multa; u b'hecc ħabibu meta chienu jiftiehmu chien jagħmilha ta' Segretarju ta's-Soċjetà u joħroġ għal lejla lil ħabibu m'il gaġġa. U Rosina.... bakgħet dejjem tistenna iż-żieda ta'l paga!

★

—"X'għandec Ġann xi sbaħt b'xufteje imdendla da'l għodu? Xi ġralec?

—"Ħallini, Fred, għandi il mara minn x'ħin jisbaħ sa ma jidlam tgħergħer dejjem.

—"Mela m'hux bħal tiegħi, għa'x għedtilha tarf ta' chelma ilha tmien t-ijiem ma tħares lejja.

—"Fred, għal ruħ ommoc, nibka nafulec, ara tiftacarx x'chienet dic il chelma!

★

Is-Sur Peppinu darba stieden l'is-Sinjurina Mimi biex joħrogħa ħarġa b'iż-żiemel. Meta ŭaslet il ġurnata li chienu ftiehmu dana mar jicri żiemel b'irish cart, iżda billi iddaŭŭar ftit ma sabx ħlief żiemel xieħ u magħcus.

—"Il mniefaħ" kal "x'żocc sejjer neħel bih! Imma x'irrid nagħmel; ma irridhiex tgħid li jien tħakt biha."

U sak għal ŭara il bieb ta's-Sinjurina Mimi.

Dina bagħtet tgħidlu ma's-seftura li jistenniha ftit għaliex chienet kiegħda tilbes.

Is-Sur Peppinu stenna għal siegħa, għal nofs siegħ'oħra, għal quart'oħra, fl-aħħar jfaċċat. Iżda x'ħin lemħet dac iż-żiemel magħcus u xieħ kaltlu:—

"Ih! Sur Peppin, jiena nibża nigi b'dac iż-żiemel għaliex sgur jaka u jmut f'it-triek daks li hu xieħ."

"Eh" ŭiegeb minnufih is-Sur Peppinu "il ħtija hi collha tiegħec, sinjurina, għaliex meta ŭasalna ŭara il bieb chien għadu żagħżuħ u fuk tiegħu...."

★

# SFORJA TA'L PAPIET.

XII.

## S. ANICETU

**Saltan għal tmien snin, erba xhur u għoxrin jum. Laħak f'is-sena 167 u miet f'is-sena 175.**

Chien m'is-Sirja u bin Ġanni u laħak fi żmien l-Imperaturi Marc'Aŭrelju u Luċju Veru li inxteħtu contra l-insara bi ħruxija kalila li setgħet tħabbatha f'il ŭisa ma dic ta' Neruni, ta' Tiberju u ta' Caligola; u l-actar billi l-egħdeŭŭa ta'l Cnisja ŭaħħlu fl-insara talli fuk Ruma ŭaka għacs cbir u is-suldati rumani kalgħu taptipa ġmielha. Fi żmienu ħadu il martirju S. Giustinu u Santa Felicita b'is-seba uliedha. X'uħud igħidu li hu giegħel lil kassisin biex igibu iċ-circa. Miet martri u difnuh f'iċ-Cimiterju ta' Via Appia, mnejn fl-1590 kalgħu il Papa Clement Tmienja biex ta' rasu l'id-Duca ta' Baviera u gismu lil Famiglia Altemps li ŭakkfitħu cnisja.

★

# CRONOLOGIJA TA' MALTA.

Marzu.

29—1593. Debret il Pesta li kerdet ħafna nies.

30—1707. Niżlu it-Toroc f'Għaŭdex iżda reġġgħuhom l-ura.

31—1475. Is-Sultan Giovanni gedded lil Maltin id-drittijiet u il privileġġi li chellhom.

April.

1—1839. Telket minn Malta ir-Regina Adelaide.

2—1412. Miet Ferdinandu Sultan ta' Skallija u li chellu ħacma fuk Malta ucoll.

3—1508. Dana is-Sultan Ferdinandu ta' ħafna privileġġi lil cummerċ ta' Malta.

4—1807. Irvella ir-Regiment Froberg ġo'l Forti Ricasli.

B'għasra ta' kalb iħabbru il meŭt ta's-Sinjura

**ANNETTA F. SERGE**

omm il mejjet tabib Ruggiero u Achille ta'l Orfanatrofju. Chienet mara tajba ŭisk u maħbuba minn cullħadd.

★

Fl-aħjar ta' żgħużitu miet ucoll f'Bormla, ta 36 sena

**ANTONIO PORTELLI**

ŭara marda li kerditu irkiek irkiek. Chien maħbub minn cull min chien jafu. Alla jatihom il mistrieħ ta' dejjem.



# IS-SAHHAR FALZUN

## ROMANZ MALTI ORIGINALI

TA'

## AGOSTINO LEVANZIN.

—"Tajjeb Cicc, nižžic ħajr; ħalli mela immur sa's-Sakkaja biex nara jgħidlix xi ħaġa aħjar Ghejtu, bonġu..." u chif kal ħecc daŭŭar denbu, cutu cutu, lejn is-Sakkaja, donnu ras maktugħa, donnu ŭieħed li chien miexi biex jitla fuk il forca.

Meta mexa xi ftit passi instema ħiereġ minn fommu, baxx baxx, da'l cliem:—

"Carmena mitlufa mela għal dejjem, isimha imtabba u minn Cavalier bla gieħ, missieri jitgherbeb fi ftit jiem oħra għal kàbar u jien?...jien żuffjett ta'n-nies li ħallejt lil dac il misħut jàgħmilli ri-riek fuk imnieħri..."

Iżda malli iffaċċa fuk is-Sakkaja ħassu jieħu ftit ta'r-ruħ, raġa beda jħossu jistaħja u meta fehem seŭŭa f'hiex sab ruħu, demmu raġa collu tala għal rasu u taħ ħila ta' ġorf.

Biddel ftit ŭiċċu, baram erba barmiet il mustaċċi, caxcar ix-xabla ma' l-art u x'ħin tafa idu il ŭaħda fuk il pum tagħha, daħal għand Ghejtu li chien ŭaħdu, u kallu:—

—"Bonġu Ghejt, għidli ħaġa l-oħti Carmena rajta xejn l-haŭn għodu, għodu?" u ħares ċass ġo għajnejh.

Ghejtu sar minn culi leŭn, ħabat sejjer itemtem, xtak li tinfetaħ l-art u tibilgħu u ma jidholx f'dic il basla, iżda Ambroġ ma ħalliex jaħsibha ŭisk billi raġa kallu:—

—"Ghejt għala kiegħed tibża?... għidli... taf chemm ingibec tajjeb."

—"Iva naf, naf, u nižžic ħajr..." imma...temtem Ghejtu.

—"Hallic m'il imma "kallu Ambroġ x'ħin ħaxxen leħnu "issa ŭrejtni li taf b'xi ħaġa u jaħtieġ tgħidieli għa'x inchella b'rasec idur. Ma nagħmlux jeŭŭilla li int għinthom palata hux?..."

—"Le, le, sinjur," ŭiegeb Ghejtu imdaħħal f'koxortu, "le, jiena ma indħalt f'xejn u jiena ma naf xejn seŭŭa... biss tarrafli xi ħaġa Ġorġ ta'l caless li ħadha... u Hamid għadu chif chien haŭn ħa belgħa imbit u meta għedtlu x'tarrafli Ġorġ tħaŭŭad u mar ilumu. Sinjur, Ġorġ għandu butu sħun b'il gordi, u ġa deŭŭeb xi ħaġa minnhom fl-imbit, staksi lilu, issa ŭaktec, u tinkeda aħjar... Hamid jista jtarraflec xi ħaġa ucoll għa'x jien naħseb li jaf b'collox..."

Tistgħu taħsbu Ambroġ x'ruħ baka fih meta dac li ħaseb ra issa li chien collu minnu, iżda żamm chemm sata biex icun jaf aħjar u billi fuk iċ-cint ta's.Sakkaja chien hemm Ġorġ kiegħed igħanni u jiddieħec, Ambroġ sejjaħlu għand Ghejtu.

Ġorġ malli ra lil Ambroġ isejjaħlu ħass imsarnu nižlu cobba, għamel ta' b'ir-ruħu li ma jndunax u ried baxx baxx jisgħiċċa.

Ambroġ intebaħ x'ried jagħmel, f'chemm trodd salib chien fuku, kabdu minn driegħu, gibdu ġo'l ħanut ta' Ghejtu u kallu:—

:—"Tibża xejn... jiena inchellmec biss irrid..."

—"Sinjur la tkunx lili" kallu Ġorġ imlaħlaħ b'ix-xorb "għaliex jien ma cont naf b'xejn... cont għa'x-xogħol taħt il ħajt, Hamid sejjaħli u jien mort... dan collu, sinjur..."

—"Naf, iva" kallu Ambroġ "iżda għidli fejn mort..."

—"Sbejħa din" "kal Ġorġ "fejn ħaduni..."

—"Tajjeb" kallu Ambroġ x'ħin għażżaż snienu u il pum ta'x-xabla "għidli mela fejn ħaduc, għaliex sejjer idur b'rasec..."

Ġorġ meta raħ ċħellmu b'dic il ħerra u raħ għażżaż il pum ta'x-xabla baża u kallu jtemtem:—

—"Sinjur, is-sinjura oħtoc riedet tmur il Birgu, u Hamid kalli biex insuk... jien ma fhimt xejn ħażin u sokt fejn kaluli..."

—"Tajjeb ŭisk" kabeż kallu Ambroġ "u Hamid giè magħcom?..."

—"Sinjur, Hamid ma għandux ħtija'" kal Ġorġ, "għaliex is-sinjura kaltlu..."

—"Iva naf" kallu Ambroġ "Xicu u Bricu... u mnejn gibt il flus li għandec?..."

*(Jissocta.)*

# Tahbil = il = Mohh.

I.

Hu ittra minn cull chelma, u b'daŭna l-ittri għamel l-isem ta' annimal.

1. Umbrella. 2. Ballun. 3. Barclor. 4. Randan. 5. Far. 6. Tabacc. 7. Daŭl. 8. Merill. 9. Maċtur. 10. Friscatur.

II.

Minn daŭna il ħafna ittri oħroġ proverbju malti.
m c l k u g j n e ħ x i a c ħ b l u i e a l g a ħ j g l a u n e i n i s

III.

Liema hu dac l-annimal ċchejchen li jecc iżżidlu ittra jsir annimal cbir?

★

XARADA

Nota l-*eŭŭel*, nota it-*tielet*,
Sib it-*tieni* f'il fanali;
L'*intier* tiegħi hi ħaxixa
Li jiecluha l-annimali.

Lev:

★

It-tifsir jista jimbagħat sa't 3 ta' April.
Ix-xarada ta'n-numru 28 chienet: LA - MA.
Fissruha tajjeb:— C. Abela Hyzler; M. Croce Schembri; E. Carabott; M. G. Vella; A. L. Serracino; A. Cefai Aquilina; E. Valenzia; O. Saccasan u C. Sant.

### L'ISTITUT TA'S-SUR BORG

*188, & 189, Strada Due Porte, l'Isla.*

Dan l'Istitut li gie imŭakkaf fl'1888 · jinsab f'ŭieħed m'il aħjar postijiet ta l'Isla u għandu il comoditajjiet collha. Jinsab ifrequentat minn Fizzjali NAVALI U MILITARI, u m'il aħjar tfal ta't-Tliet Ibliet u oħrajn li jokogħdu f'postijiet actar f'il bogħod.

Jintgħata cors regolari ta'l-lingŭa Ingliża, Taljana, Francisa u Latina, ta' l-Aritmetica, Algebra, Geometrija, Mensurazjoni, ta'l Cummerċ, Storja, Calligrafija u Reliġjon.

Jec xi ħadd icun irid jagħmel xi ircant jeŭ jistma xi ħaġa u jcun sgur li reħa ħŭejjġu f'idejn bniedem li jfittixlu l-interessi tiegħu b'ir-rekka u bl-onestà collha, jati l-ircant l-is-Sur ACHILLE CIANCIO, ta' Strada Mercanti, numru 175, il Belt u joħroġ cuntent sgur.

Min irid jixtri tabacc ta'l aħjar qŭalità u sigarretti "Samson" tajbin ferm imur għand Ġanni Cassar ta' taħt il bieb ta'l Belt u joħroġ cuntent.

Is-Sur Ġużè Cumbo, kiegħed joħroġ rumanz sabiħ ħafna b'il malti, bl-istampi, tradott m'il francis ta' Ponson du Terrail imsejjaħ "Il Ħaddied ta'l Cunvent." Cull faxxicolu ta' 19 il paġna cbar joħroġ cull gimgħa u jkum żeŭġ soldi biss. Min irid jissieħeb imur jeŭ jibgħat fl-Istamperija Cumbo, 295, It-triek ta' S. Paŭl, il Belt.

Min jissieħeb issa jatih il faxxicoli collha li ħarġu s'issa u jitħallsu żeŭġ soldi cull ħmistax il ġurnata.

Min irid jitgħallem ifassal seŭŭa ilbiesi ta'l-irgiel u ta'n-nisa jmur għand il Professur Vincenzo Grech, Strada Alessandro, No 5 (fuk Putirjal) il Belt, li tgħallem fl-Accademji ta' Londra, ta' Parigi, u ta' Torin.

Tridu tpejjpu sigarretti m'il aħjar u m'il orħos?

Ixtru is-sigarretti "Special" ta' Alfredo Caruana ta' Ta's-Sliema li jimbihu f'il ħŭienet principali.

F'daŭna is-sigarretti hemm l-armi ta'l cunjomijiet.

Min irid jiecol tajjeb, b'irħis u f'post pulit u f'il kabda jmur f'il Colonial Buffett fejn chien armat kabel is-Sur Gingell u sgur li ma jibdielux.

Jecc tmorru xi ġurnata lejn Ħal Lija u tcunu tridu tal-luġġaŭ jeŭ tieclu tajjeb morru f'il Hotel Zammit ta' fejn Sant Anton.

Tridu tinkdeŭ b'Dentista tajjeb għal kligħ u għa'x-xogħol? Morru għand is-Sur Alfons Urso, kuddiem il Għajn ta'l Pjazza ta' Raħal Ġdid u ma jibdielcomx.

Min irid icollu fuku libsa meħjuta suret in-nies u bi drappijiet fini jmur għand Ġanni Valenzia, f'it-Triek ta'l Cnisja, Bormla, u ma jibdielux.

Għand is-Sur Ġużè Mallia, ta' Strada Santa Lucija, 47 il Belt jinsab għal bejħ imbit m'il aħjar bi prezz li jakbel għal cullħadd. Ta'l kuddiesa jimbiegħ xelin u disa soldi il qŭarta u l-ieħor xelin u nofs.

## GĦA'N = NERVUSI!

Meta thossoc għajjien, kalbec seŭda, nifsec maktuħ, bla rkad u bla aptit, tisħon għal xejn; meta tara collox icreħ, cullħadd joboghdoc, collox imgħaŭŭeġ f'il ħajja u tibchi jeŭ tidħak għal xejn b'xejn icolloc dic il marda li jsejħula

NEVRASTENIJA

u jecc tasseŭ hemm medicina li tista tfejjakha jeŭ tagħmillec ħafna gid hi

**L-ANTINEVROTICU**

TA'L

**PROF: DE GIOVANNI**

li chiteb l-isbaħ opra fuk dina il marda, u li giet imfaħħra ħafna m'il l-aħjar tobba ta'l Italja. Timbieħ fi fliexchen għand

**l-Ispizzjar ALFREDO CUMBO**

ta' kuddiem il Club ta' Strada Rjali ta'l Belt.

IPPRUVAUHA! GID TISTA TAGHMEL BISS.

## GHA'R - RANDAN

Min irid jixtri

# CAUCAU

**m'il ahjar, bla tahlit, bla grass u li ghandu fama tajba f'Malta ta' tlietin sena, ifittex il marca tant imfahhra**

# BENSDORP

ghand il maghrufa minn cullhadd

## C. CAMILLERI & SONS

TA' STRADA MERCANTI — IL BELT.

U MA JIBDIELUX.

Stamperija "EMPIRE" 8 Strada Magazzeni - Floriana.